# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2022**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 24/2020ISB**

**Maleth Aero AOC Limited (C-54721)**

**Vs**

**L-Av. Mark Mifsud Cutajar u l-P.L. Katrina Zammit Cuomo b'digriet tat-12 ta' Lulju, 2021 ġew maħtura bħala kuraturi sabiex jirrapreżentaw lil Express Air Cargo (kumpanija tal-ajru nkorporata ġewwa Tunis, it-Tuneżija u bl-uffiċju reġistrat tagħha ġewwa 12, Rue des estrepeneurs, Charguia 2, Tunis)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** tas-soċjeta' **Maleth Aero AOC Limited**, intavolat fid-9 ta' Jannar 2020, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont kumplessiv ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69) rappreżentanti ammonti kkalkulati u dovuti mis-soċjeta' konvenuta ai termini tal-klawżoli*

*6.1, 6.1.1 u 6.3 tal-Wet Lease Agreements tat-18 t'April 2019 u tat-8 ta' Mejju 2019;*

ii. *Tillikwida l-imgħaxijiet fuq l-ammont pretiż ai termini ta' klawżola 7.6 tal-Wet Lease Agreements tat-18 t'April 2019 u tat-8 ta' Mejju 2019;*

iii. *Tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas is-somma ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69) flimkien mal-imgħaxxijiet hekk likwidati permezz tat-talba preċedenti, lis-soċjeta' attriċi;*

iv. *Taghti kwalunkwe provvediment u/jew rimedju iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun;*

U dan wara illi ppremettiet:

1. *Illi l-partijiet ffirmaw żewġ Aircraft Wet Lease Agreements, datati t-18 t'April, 2019 u t-8 ta' Mejju 2019 rispettivament (kopji tagħhom hawn annessi u mmarkati bħala* ***"Dok FL1"*** *u* ***"Dok FL2"****), permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi kriet ajruplan tal-għamla Boeing 737-300SF bin-numru ta' reġistrazzjoni 9H-AUL, bi' crew inkluż, lis-soċjeta' konvenuta (kumpanija tal-ajru nkorporata ġewwa Tunis u bl-uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa 12, Rue des entrepeneurs, Charguia 2, Tunis) għal perjodu ta'* ***(i)*** *bejn it-18 t'April u s-26 t'April, 2019 <u>ai termini tal-kuntratt datat t-18 t'April, 2019</u>, u* ***(ii)*** *bejn it-12 ta' Mejju u s-27 ta' Mejju 2019 <u>skond il-kuntratt datat t-8 ta' Mejju, 2019</u>;*

2. *Illi, ai termini ta' klawżoli 6.1 u 6.1.1 taż-żewġ kuntratti msemmija, s-soċjeta' konvenuta ntrabtet illi tħallas rata fissa ta' "EUR 3,100 (Three Thousand One Hundred Euro) per block hour", u dana meta 'block hour' hija definita fil-kuntratt bħala:*

   *"means each hour or part of an hour or minute elapsing from the moment the chocks are removed from the wheels of the Aircraft untill the chocks are next again returned to the wheels, as recorded by the Lessor's System (save where otherwise set out in this Agreement)".*

3. *Illi mill-flight logs tal-ajruplan in kwistjoni, (kopji tal-istess hawn annessi u mmarkati bħala* ***"Dok FL3"****), jidher illi s-soċjeta' konvenuta tellgħet total ta' 91.87 block hours waqt li hija kienet qed topera l-ajurplan ai termini tal-kuntratti surriferiti;*

4. *Illi tenut kont ta' dan, meta wieħed jikkomputa dawn is-siegħat bir-rata hekk stipulata fi klawżola 6.1.1 taż-żewġ kuntratti (li del resto huma kważi identiċi għal xulxin), għandu jirriżulta kwantum ta' mitejn u erba' u tmenin elf, seba' mija u seba' u disgħin Ewro (€284,797) hekk rappreżentanti l-ammont intier dovut lis-soċjeta' attriċi għar-rigward ta' block hours utilizzati mis-soċjeta' konvenuta tul il-perjodu ta' kirja;*

5. *Illi apparti minn hekk, is-soċjeta' konvenuta għandha tħallas ammont ulterjuri ta' sebat elef, erba' mija u tmenin Ewro (€37,159.69) għall-Lessee Costs, u ċioe' l-ispejjeż speċifikati fil-klawżola 6.3 tal-kuntratti de quo. Dawn l-ispejjeż jinkludu <u>inter alia</u>, "ground handling" u "crew per diems", kif stipulat testawlment fil-kuntratti rispettivi;*

6. *Illi di fatti, matul il-perjodi tal-kirja, ntużaw is-servizzi ta' crew għal 108 ġranet (ara* ***"Dok FL4"*** *hawn anness), u dan meta il-kuntratt jipprospetta rata fissa ta' sittin Ewro (€60) kull ġurnata pagabbli mis-soċjeta' konvenuta. Di piu, dejjem skond l-istess klawżola 6.3, is-soċjeta' konvenuta għandha tħallas somma ulterjuri b'rabta ma ground handling tal-ajruplan f'Bournemouth fost numru ta' spejjeż oħra li huma elenkati fil-prospett informali hawn anness u mmarkat bħala "****Dok. FL5"****;*

7. *Illi għaldaqstant, jirriżulta li s-soċjeta' attriċi hija wkoll kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' elf Ewro (€1000) għall-ground handling tal-ajruplan f'Bournemouth, u kif ukoll is-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmenin Ewro (€6,480) konsistenti fi' ħlas dovut abbażi ta' tarriffi relatati ma' użu ta' crew supplit mill-attriċi sabiex jiġi operat l-ajruplan de quo, kif ukoll ammont ta' disgħa w għoxrin elf, sitt mija u disgħa u sebgħin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€29,679.69) konsistenti fi' spejjeż addizzjonali relatati.*

8. *Illi għalhekk, is-soċjeta attriċi rrilaxxjat numru ta' fatturi fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta għall-ħlas tal-ammonti surriferiti, u ċioe':*

   a. *Fattura numru 4864 (hawn annessa u mmarkata bħala* ***"Dok FL6")*** *għall-ħlas fl-ammont ta' tmienja u ħamsin elf, tlett mija u ħamsin Ewro (€58,350) rappreżentanti ammont dovut għal użu ta' 18.5 block hours,*

*u kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-ground handling tal-ajruplan f'Bournemouth;*

b. *Fattura numru 4880 (hawn annessa u mmarkata bħala **"Dok FL7"**) għall-ħlas fl-ammont ta' disa' u disgħin elf, u mitejn Ewro (€99,200) rappreżentanti ammont dovut dovut għal 32 block hours;*

c. *Fattura numru 4994 li ġiet akkreditata u mibdula mal-aħħar fattura;*

d. *Fattura numru 5058 (hawn annessa u mmarkata bħala **"Dok FL8"**) għall-ħlas fl-ammont ta' mija u erba' u tletin elf, seba' mija u seba' u għoxrin Ewro (€134,727) rappreżentanti ammont dovut għal 41.37 block hours, u kif ukoll it-tariffi marbuta mas-servizz tal-crew;*

e. *Fattura numru 5637 (hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok. FL9**") għall-ħlas ta' disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u sebgħin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€29,679.69) rappreżentanti spejjeż addizzjonali dovuti mis-soċjeta' konvenuta;*

9. *Illi in vista tas-suespost, is-soċjeta' attriċi għandha titħallas l-ammont globali ta' teltt mija u wieħed u għoxrin elf, disa' mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€321,956.69), li minnhom is-soċjeta' konvenuta ħallset biss seba' u tmenin elf Ewro (€87,000). Illi għalhekk, wara li taqta' l-ammont hekk mħallas, jibqa' pendenti bilanċ ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69), u dan eskluż l-imgħaxijiet li, ai termini ta' klawżola 7.6 tal-kuntratt, bdew jiddekorru mid-data ta' kull fattura, bir-rata ta' "5% + yearly rate of EURIBOR";*

10. *Illi mill-email datata d-19 ta' Ġunju 2019 (hawn annessa u mmarkata bħala **"Dok FL10"**), mibgħuta minn Karim Stambouli, Chief Business Officer tas-soċjeta' konvenuta, jidher li ma hemmx kontestazzjoni rigward l-ammont ta' block hours utilizzati minnha. Madanakollu, għall-finijiet ta' kompletezza u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat illi anke jekk - biss għall-grazzja tal-argument - kien hemm kontestazzjoni leġittima da parti tas-soċjeta' konvenuta fir-rigward tal-figuri reklamati mir-rikorrenti, l-klawżola 7.4 tal-kuntratti surriferiti tistipula li:*

*"....Where the Parties are unable to agree a figure, the Lessor shall provide the Lessee with access to the relevant flight logs to audit the Lessor's figures provided by the Lessor's system wherein **the Lessor's figure shall apply save in the event of manifest error in the same..."** **(emfażi miżjuda)***

11. *Illi madanakollu s-soċjeta' konvenuta qiegħda tirrifjuta li tħallas lis-soċjeta' attriċi għall-block hours utilizzati minnha bir-rata stipulata fi klawżola 6.1.1 taż-żewġ kuntratti, u dana meta din il-klawżola hija ċara f'dan ir-rigward;*

12. *Illi l-klawżola 6.1 saħansitra tuża l-frażi "fixed rental", b'dan illi ma hemm l-ebda lok għall-interpretazzjoni oħra jew varjazzjoni fir-rata hekk stipulata. Għalhekk, u abbażi tal-prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna pacta sunt servanda, m'għandu jqum ebda dubju dwar l-applikabilita ta' din il-klawżola, u konsegwentement, dwar il-figuri komputati u reklamati mis-soċjeta' rikorrenti;*

13. *Illi l-artikolu 1002 ta' Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li:*

    *"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."*

14. *Illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex taddivjeni għall-ħlas tas-somma pendenti fl-ammont ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69), din baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża stante li k-konvenuta qed tonqos milli tħallas dak konkretement dovut minnha kapriċċożament u mingħajr ebda raġuni valida;*

Rat id-**dokument** ppreżentat mar-rikors ġuramentat (FL1 sa FL 10, fol 18 sa fol 65);

Rat id-**digriet** tagħha, diversament preseduta, tat-13 ta' Jannar 2020 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-2 ta' Marzu 2020 fid-9:00 a.m.;

Rat id-**digriet** tagħha, diversament preseduta, tat-12 ta' Lulju 2021 (fol 260) li permezz tiegħu ħatret lill-Avukat Dr Mark A. Mifsud Cutajar u lill-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bħala kuraturi tas-soċjeta intimata Express Airo Cargo;

Rat ir-**risposta ġuramentata** tal-**kuraturi deputati l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u P.L. Katrina Zammit Cuomo** li permezz tagħha eċċeppixxew:

> *Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.*

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Ġunju 2022, **Dr Elizabeth Gaerty** ppreżentat u kkonfermat bil-ġurament Dok EG1 (fol 142), kif ukoll kkonfermat illi kienu għandhom ma saru l-ebda pagamenti.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Ġunju 2022 id-difensur tas-soċjeta' rikorrenti iddikjarat li ma kelliex aktar provi xi tressaq. Rat ukoll li l-kawża tħalliet għall-provi tas-soċjeta' intimata bl-intendiment ċar illi dak inhar il-provi jiġu dikjarati magħluqa.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2022, in vista tal-verbal preċedenti u in vista tal-fatt li ma deher ħadd għas-soċjeta' intimata, il-Qorti iddikjarat il-provi magħluqa.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2023 la dehret is-soċjeta` intimata u lanqas rappreżentant tagħha u għalhekk bi qbil mad-difensur tas-soċjeta' rikorrenti l-kawża thalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta' attriċi sabiex is-soċjeta' konvenuta tħallas lilha is-somma ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disa' mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69) dovuti lilha ai termini tal-klawżoli 6.1, 6.11 u 6.3 tal-*Wet Lease Agreements* tat-18 t'April 2019 u tat-8 ta' Mejju 2019.

Jirrizulta illi s-soċjeta' attriċi tikkontendi li l-partijiet ffirmaw żewġ *Aircraft Wet Lease Agreements* datati t-18 t'April 2019 u t-8 ta' Mejju 2019 permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi kriet ajruplan tal-għamla *Boeing 737-300SF* bin-numru ta' reġistrazzjoni 9H-AUL, bil-*crew* inkluż, lis-soċjeta' konvenuta għal perjodu ta' **(i)** bejn it-18 t'April u s-26 t'April, 2019 ai termini tal-kuntratt datat t-18 t'April, 2019, u **(ii)** bejn it-12 ta' Mejju u s-27 ta' Mejju 2019 skond il-kuntratt datat t-8 ta' Mejju, 2019;

Tispjega li ai termini ta' klawżoli 6.1 u 6.1.1 taż-żewġ kuntratti msemmija, s-soċjeta' konvenuta ntrabtet illi tħallas rata fissa ta' *"EUR 3,100 (Three Thousand One Hundred Euro) per block hour",* li hija definita mill-istess kuntratt bħala kull siegħa jew parti minnha jew minuta mill-mument li l-arloġġi jiġu mneħħija mir-roti tal-ajruplan sakemm jiġu ritornati skont is-sistema tas-soċjeta rikorrenti.

Is-socjeta` rikorrenti ssostni li mill-*flight logs* tal-ajruplan in kwistjoni jirrizulta illi s-soċjeta' konvenuta tellgħet total ta' wieħed u disgħin punt tmienja sebgħa (91.87) *block hours* waqt li hija kienet qed topera l-ajurplan, li jammontaw għas-somma ta' mitejn u erba' u tmenin elf, seba' mija u seba' u disgħin Ewro (€284,797).

Tispjega li oltre` minn hekk huwa dovut l-ammont ta' seba' u tletin elef, erba' mija u tmenin Ewro (€37,159.69) għall-*Lessee Costs*, u ċioe' l-ispejjeż speċifikati fil-klawżola 6.3 tal-kuntratti de quo. Tgħid li matul il-perjodi tal-kirja, ntużaw is-servizzi ta' *crew* għal 108 ġranet, u bir-rata fissa ta' sittin Ewro (€60) kull ġurnata. Tgħid li oltre` minn hekk, is-soċjeta' konvenuta għandha tħallas somma ulterjuri b'rabta ma *ground handling* tal-ajruplan f'Bournemouth li jammonta għas-somma ta' elf Ewro (€1000) u kif ukoll is-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmenin Ewro (€6,480) konsistenti fi' ħlas dovut abbażi ta' tarriffi relatati ma' użu ta' *crew* supplit mill-attriċi sabiex jiġi operat l-ajruplan *de quo,* kif ukoll ammont ta' disgħa w għoxrin elf, sitt mija u disgħa u sebgħin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€29,679.69) konsistenti fi' spejjeż addizzjonali relatati.

Illi għalhekk, is-soċjeta rikorrenti rrilaxxjat numru ta' kontijiet fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta għall-ħlas tal-ammonti surriferiti, li ġew elenkati fir-rikors promotur.

Tispjega għalhekk illi s-soċjeta' attriċi għandha titħallas l-ammont globali ta' tlett mija u wieħed u għoxrin elf, disa' mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€321,956.69), li minnhom is-soċjeta' konvenuta ħallset biss seba' u tmenin elf Ewro (€87,000). Illi għalhekk, wara li taqta' l-ammont hekk mħallas, jibqa' pendenti bilanċ ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69), u dan eskluż l-imgħaxijiet li, ai termini ta' klawżola 7.6 tal-kuntratt, bdew jiddekorru mid-data ta' kull fattura, bir-rata ta' *"5% + yearly rate of EURIBOR";*

Tispjega li mill-email datata d-19 ta' Ġunju 2019 mibgħuta minn Karim Stambouli, *Chief Business Officer* tas-soċjeta' konvenuta, jidher li ma hemmx kontestazzjoni rigward l-ammont ta' *block hours* utilizzati minnha. Tikkontendi li madanakollu s-soċjeta' konvenuta qiegħda tirrifjuta li tħallas lis-soċjeta' attriċi għall-*block hours* utilizzati minnha bir-rata stipulata fi klawżola 6.1.1 taż-żewġ kuntratti, u dana meta din il-klawżola hija ċara f'dan ir-rigward;

Is-socjeta' rikorrenti tispjega li s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammont ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69), iżda din baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti li ġew ippreżentati mis-soċjeta rikorrenti mar-rikors promotur tagħha li jikkonsistu fis-segwenti:

Dok FL1 u FL2 jikkonsistu fl-*Aircraft Wet Lease Agreements* iffirmati bejn il-partijiet fit-18 t'April 2019 u fit-8 ta' Mejju 2019, rispettivament, u tinnota b'mod partikolari l-klawżoli li għamlet referenza għalihom is-soċjeta attriċi fir-rikors tagħha.

Dok FL 3 jikkonsisti fil-flight logs tal-ajruplan Boeing 737-300SF.

Dok FL4 jikkonsisti f'dettalji tas-servizzi tal-ekwipaġġ.

Dok FL5 jikkonsisti f'rendikont tas-servizzi addizzjonali utilizzati mis-soċjeta konvenuta li jammontaw għal disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u sebgħin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€29,679.69).

Dok FL6 sa Dok FL 9 jikkonsistu f'erba' rendikontijiet li jammontaw għal tmienja u ħamsin elf, tliet mija u ħamsin Ewro (€58,350), disgħa u disgħin elf u mitejn Ewro (€99,200), mija u erbgħa u tletin, seba' mija u sebgħa u għoxrin Ewro (€134,727) u disgħa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u sebgħin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€29,679.69), rispettivament.

Dok FL 10 jikkonsisti f'email mibgħuta minn Karim Stambouli, Chief Business Officer tas-soċjeta konvenuta, fejn qiegħed juri l-kontestazzjoni tiegħu għar-rati applikati.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tal-Dokument Dok EG1 li jikkonsisti f'rendikont datat il-31 ta' Diċembru 2021 li juri bilanċ fl-ammont ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disa' mija u sitta u ħamsin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69) dovuti mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta attriċi.

**Ikkunsidrat ulerjorment:**

Illi mill-provi prodotti, li m'huma bl-ebda mod ikkontestati, jirriżulta li l-pretensjonijiet attriċi ġew ilkoll ippruvati kemm bil-kontenut tar-rikors ġuramentat, kif ukoll bid-dokumenti esebiti kemm mar-rikors promotur kif ukoll fil-mori tal-kawża, fejn dak kollu premess ġie kkonfermat. Il-Qorti tinnota b'mod partikolari r-rendikont ikkonfermat bil-ġurament (Dok EG1) li jikkonferma li sa Ġunju 2022 u ċioe tliet (3) snin wara li nħarġu l-ewwel kontijiet, l-bilanċ dovut kien għadu pendenti.

Is-socjeta' intimata, minn naha taghha ma ressqet ebda prova.

Għalhekk l-**ewwel talba** attrici kif dedotta fir-rikors tas-socjeta' rikorrenti ser tiġi milqugħa.

In kwantu ghat-**tieni talba**, il-Qorti tqis illi hija giet mitluba tillikwida l-imghaxijiet ai termini tal-klawsola 7.6 tal-*Wet Lease Agreements*. Din il-klawsola tistipula illi l-imghax irid jinhadem bir-rata annwali ta' hamsa fil-mija (5%) fuq ir-rata annwali tal-EURIBOR (Euro Interbank Offered Rate).

Il-Qorti tqis illi s-socjeta' rikorrenti la ressqet prova ta' kemm kienet ir-rata tal-EURIBOR ghas-snin illi qed tippretendi illi ssir il-likwidazzjoni u lanqas ma ressqet almenu prospett tal-imghax mitluba. Fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ma tqis illi tista' tillikwida l-imghax kif mitlub, u ser tghaddi biex tastjeni milli tipprovdi dwar it-tieni talba.

**DECIDE**

**GHALDAQSTANT**, għal dawn il-motivi u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. **Tiddikjara** li s-soċjeta' konvenuta Express Air Cargo hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi Maleth Aero AOC Limited fl-ammont kumplessiv ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69) rappreżentanti ammonti kkalkulati u dovuti mis-soċjeta' konvenuta ai termini tal-klawżoli 6.1, 6.1.1 u 6.3 tal-*Wet Lease Agreements* tat-18 t'April 2019 u tat-8 ta' Mejju 2019.

2. **Tastjeni** milli tipprovdi dwar it-tieni u r-raba' talba.

3. **Tikkundanna** lis-soċjeta' konvenuta tħallas lil dik rikorrenti s-somma ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro punt disgħa u sittin ċenteżmu (€234,956.69).

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura li għandhom jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**